MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 234/2014

**ABZ**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi r-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (1984) u

dan skont ma jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok SM 1;

Illi l-partijiet m'humiex legalment separati izda ilhom ma jirrisjedu flimkien ghal aktar minn erba' snin u dan ai termini ta' l-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bejn il-partijiet kien hemm tentattiv sabiex issir separazzjoni bonarja u attendew ghal medjazzjoni mal-medjatur Carmen Delicata, izda dan minghajr ma waslu ghal konkluzjoni u cioe qatt ma waslu sabiex jipprezentaw abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Sabiex juru dan kollu, l-esponenti qedghin jipprezentaw Dok SM2;

Illi mid-dokument esebit Dok SM2 jirrizulta wkoll li f'Settembru ta' l-2010, il-partjiet hawn esponenti, diga' kienu ma jirrisjedux flimkien;

Ili ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, DB li llum ghandha 27 sena u GB li llum ghandu 19-il sena, it-tnejn li huma maggorenni;

Illi r-rikorrenti ABZ tixtieq li tirriverti ghal kunjuom xbubitha Z;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet;
3. Tawtorizza lir-rikorrenti ABZ tirriverti ghal kunjom xbubitha Z;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi huma ghaddew mill-process ta’ medjazzjoni u illi l-medjazzjoni ma sehhitx;

Illi huma ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Illi ir-rikorrenti ABZ talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Zu l-intimat ma oggezzjonax;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talba tar-rikorrenti ABZ sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha Z, u qeghda tilqa’ t-talbiet kontenuti fir-rikors kongunt u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------